TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

Decizjoni Nru 33/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Saviour Azzopardi
u
Messrs Mellieha Bay Hotel
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Chairman: G.A. Craig

Data: 6 ta' Dicembru, 1978.

B'ittra tat-18 ta' Ottubru, 1978, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irreferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' 1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kas hu dwar tkeccija ta' Saviour Azzopardi mill-Kumpanija Mellieha Bay Hotel, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba seduti. Billi l-appellant ma setax jigi mghejun mill-Union tal-Haddiema tal-Mellieha Bay Hotel ghax din il-Union ma setghetx taqdi dan id-dmir peress li l-klassi tal-haddiema bhall-appellant Saviour Azzopardi impjegati mill-Kumpanija Melleiha Bay Hotel hija rapprezentata quddiem il-Principal ta' l-istess Kumpanija min Trade Union ohra li hi maghrufa mill-istess Principal, l-appellant kellu jidher ghalieh innifsu skond it-tieni proviso ghas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 31 ta' l-Att Nru XXX ta 1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali. Ghal-Kumpanija deher is-Sur Lino Cuomo, Deputy Manager ta' l-istess Kumpanija.

3. <u>Statements of Case</u> - <u>L-Appellant</u> qal li hu gie mkecci mill-Mellieha Bay Hotel fejn kien impjegat bhala 'painter' fil-21 ta' Lulju 1978, wara incidenti li kellu dik-in-nhar li zgur ma meritax tkeccija. Hu kien gie mqabbad mill-Foreman tieghu biex jizboh <u>wahdu</u> fir-'receiption area' tal-

/..........

Lukanda u billi din l-area kienet ingumbratamin skrivaniji u switchboards u li fiha kien jkun hemm kull hin xi tlieta min nies jahdmu, hass li ma setghax jahdem wahdu u mar ghand il-Foreman u talbu l-ghajnuna. Dan ma riedx jaghtieh ghajnuna u weza xi kliem mhux xieraq, izda qallu li kien ser jurieh kif jarma u fil-fatt hekk ghamel u qallu biex ipoggi tavlun min-nahha ghall-ohra tal-kamra. L-appellant ma riedx ghax hass li kien hemm bzonn ta wiehed li jzommlu is-sellum izda xorta wahda mar biex igib it-tavlun u hu u diehel bieh fir-'Reception' u mhabba t-tul tat-tavlun u d-djuq ta certa parti min fejn kellu jghaddi, it-tavlun habatlu mal-'Air Conditioner' u l-appellant waqa' fl-art. Kien hemm xhud id-Deputy Manager u offrielu l-ghajnuna billi qal lis-'senior porter' biex jghinu izda l-appellant ma riedx ghax il-Foreman kien ga rrifjutalu l-ghajnuna. Kif kien f'dik is-sahna mar ghand il-Foreman u qallu li fir-'Reception' ma kienx ser jahdem. Meta l-Foreman qallu 'imma jien hemm irrid nisboh! l-appellant qallu "int kelb ahdar, buffu, pruzuntuz," u l-Foreman ma tahx xoghol iehor dak il-hin.

4. L-appellant ried isib lil xi hadd tal-Union tieghu u billi kemm ir-Rapprezentant kif ukoll ix-'Shop Steward' ma kienux hemm, sab lil Mario Scicluna, mar biddel il-hwejjeg tax-xoghol ghax kien gharqan xraba, u marru ghand is-Sur Cuomo, Deputy Manager u dan staqsihom biex jaraw x'setghu jirrangaw mal-Foreman. Mar ikellmu Mario Scicluna izda minghajr success. L-appelant kien qieghed jistennieh l-'Accounts'. Izda Mario Scicluna rega mar ghand is-Sur Cuomo d-Deputy Manager li qallu li ser jipprova jara x'jghamel hu mal-Foreman. Sar il-hin ghal ikel u l-appellant mar jiekol. Wara l-ikel Mario Scicluna u l-appellant regghu marru ghand is-Sur Cuomo, id-Deputy Manager u dan qallhom li l-affarijiet jibqghu hekk sakemm jigi lura l-General Manager ghax dan kien imsiefer u li l-appellant jibqa jithallas sakemm idum sospiz; Qal ukoll lill-appellant biex ma jmurx ghax-xoghol imma biex icempillu it-Tnejn ta wara. Meta saru 4.15p.m. l-appellant rikeb il-van bhas-soltu u telaq fil-hin normali.

5. Kif mitlub mid-Deputy Manager, it-Tnejn 24 ta' Lulju, 1978 l-appellant cempillu biex jara x'risposta kien hemm u dan qallu li kollox kien baqa' kif kien. L-appellant insista biex l- ghada jidhol ghax-xoghol izda id-Deputy Manager qallu li l-avukat tal-Union ghamel appuntament mad-Deputy Manager ghas-26 ta' Lulju ghax skond il-Collective Agreement kellu isir xi stharrig qabel ma tittiehed azzjoni dixxiplinarja izda min din il-laqgha ma hareg xejn hlief li l-appellant ghandu jibqa sospiz sa kemm jigi il-General Manager minn barra. L-appellant ma giex moghti ic-certifikat ta'temm ta' l-impieg u l-anqas ma gie iffirmat il-ktieb tax-xoghol tieghu.

6. Il-General Manager gie wara xi gimgha u il-Hamis, 3 ta' Awwissu, hu qal lill-avukat tal-Union li kien cempillu biex jaghtieh xi jumejn zmien ha jistudja l-kaz. It-Tlieta, 8 ta' Awwissu, informa lil-Avukat li dan kien kaz ta' tkeccija u li hu kien qed jikkonsidra lill-appellant imkecci mill-21 ta' Lulju 1978, il-gurnata li fiha l-appellant gie sospis, ghalhiex:

(a) irrifjuta li jaghmel ix-xoghol li nghata;

(b) insulta lill-Kap tad-Dipartiment tieghu;

(c) telaq mix-xoghol.

7. Fiz-17 ta Awwissu l-appellant irceva ittra minn ghand il-General Manager, li kienet miktuba fil-11 ta' Awwissu fejn gie mgharraf li hu kien tkecca mill-gurnata li fiha kien sospis mid-Deputy Manager.

8. L-appellant sostna li hu dejjem ta xoghol tajjeb matul il-hames snin li ilu jahdem mal-Kumpanija, li qatt ma kellu ebda twiddiba jew ittiehdu xi passi dixxiplinarji kontra tieghu, li hu kellu kull raguni li jitlob l-ghajnuna mhabba in-natura tax-xoghol li kellu jaghmel, kif ukoll hassa l-istess Deputy Manager u Ruben Bonnici, li d-diskors li ntqal minnhu lill-Foreman kien fis-sahna tal-mument u ghalhekk ma ghandhomx jikkostitwixxu bazi gusta ghal tkeccija ta' mpjegat. Sostna wkoll li ma kien veru xejn li hu telaq min fuq ix-xoghol, li fil-fatt hu thallas ghal gurnata kollha, u li t-tkeccija tieghu mill-Mellieha Bay Hotel kienet ingusta u bla bazi fil-ligi.

/.........

9. Is-Sur Lino Cuomo ghal Mellieha Bay Hotel qal li l-appellant telaq min rajh u li anki f'kaz li jigi ritenut li kien il-Management li keccieh, dan sar ghal raguni tajba u sufficjenti, li kien l-inginier li, biex ma jkunx hemm ħ la ta' 'output'f'diskors, il-bajjad kellu jahdem wahdu . Kien l-inginier stess li tah ix-xoghol u li urieh kif seta' jahdem wahdu dik in-nhar fir-'Reception'. Sfortunatament l-appellant meta kien qed jarma gralu incident u t f il-bilanċ. L-acting Gener l Manager li ra kollox mill-uffiċcju tieghu offrielu li jibghatlu wieħed biex itih daqqa t'id u li l-appellant irrifjuta, beda jitkellem kontra l-principal tieghu u mar f'kamartu ibiddel minn ħwejjgu tax-xoghol. L-appellant iltaqa mac-Chief Engineer u beda jgħajru u jinsultah; ghajru "kelb, ma tahmilx il-haddiem, pruzuntus, buffu, taf hafna, jien lilek nghallmek " u fħazi bhal dawn, u dan wiegbu li "Bit-tghajjir ma tiehu xejn, jekk xbajt itlaq," u l-appellant wiegbu "hekk ser naghmel." L-appellant talab li jkellem lill-acting General Manager. Dan sema' x-xhieda u l-kaz kollu u iddecieda li l-appellant:

(a) irrifjuta x-xoghol allokat lilu u telaq xogholu min rajh (tant li tela jbiddel min ħwejgu tax-xoghol u jilbes l-ilbies ta barra) u

(b) kien ħati ta' 'gross insubordination' u ta' disubbidjenza ghall-ordnijiet legittimi tas-superjuri tieghu.

. Ghalhekk iddecieda li l-appellant kien spicca mill-impieg tieghu mill-Kumpanija.

10. Xhieda fil-qosor - L-appellant Saviour Azzopardi qal li fl-20 ta' Lulju kien ordnat jizboh parti mir-'reception area', u hekk ghamel wahdu minghajr ghajnuna ghax ma kellux tfixkil, anki l-ghada kompla jahdem wahdu sa l-10.00a.m. meta kellu jizboh il-parti ta'gewwa fejn kien hemm skrivaniji u nies u dan deherlu li kien xoghol li kellu jsir bejn tnejn kif dejjem sar. Kien ghalhekk li hu tela u sab il-Foreman u talbu l-ghajnuna u dan irrifjuta li jaghtihielu u qallu "Din naqtughha darba ghal dejjem, li wi ied izomm u l-iehor jizboh" u offra li jinzel halli jurih kif seta jsir izda l-appellant ma deherlux li kif qallu jaghmel seta' jsir ghax jew tisboh jew tiehu hsieb ta' tahtek.

/........

11. B'dana kollu tela u mar igib tavlun ta' xi 13 (tieltax) il-pied, ipprova jnizzlu u kien hemm Ruben Bonnici u offrielu l-ghajnuna izda billi l-Foreman ma riedu jaghtieh ghajnuna ma xtaqx li jdahhlu f'xi nqwiet u ghalhekk qallu le. Kellu ghalhekk b'hafna sagrificiji inizzlu wahdu min tarag dejjaq u sar gharqan xraba u waqt li kien diehel bih gie fid-djuq u x'hin gie biex idur habatlu ma xi haga minnwara, hadu u waqa gharkubtejh. Kien hemm xhud id-Deputy Manager is-Sur Lino Cuomo, u dan stess qallu 'lanqas titlobni ghajnuna "u dak il-hin stess sejjah il-porter L. Mifsud u qallu "mur ghejnu" izda rega ma accettax ghajnuna imhabba li l-Foreman riedu jahdem wahdu u kien dak il-hin li ddecieda li jaqbillu ma jahdimx fic-cirkostanzi u tela l-fuq sab lill-Foreman u qallu li hemm isfel ma kienx ser jahdem wahdu u rega talbu l-ghajnuna jew xoghol iehor izda dan wiegbu "Imma jien hemm irrid nisboh." Kien hemm li l-appellant telghalu u qallu "Int ahdar", u meta dan wiegbu "Jien hemm nahdem wahdi", l-appellant qallu "int buffu u pruzuntuz, " ghalkemm wara iddispjacih li qallu dawn il-kliem. Izda l-appellant rega talbu xoghol iehor u l-Foreman rega wiegbu "Jien hemm irrid nisboh", u allura l-appellant mar biex isib lill xi hadd tal-Union, mar biddel hwejgu u mar biex isib lill tal-Union. Sab li tnejn mill-fizzjali tal-Union kienu off u allura mar l-Accounts ghand is-Sur M. Scicluna u qallu bis-sitwazzjoni u dan qallu li sejjer ikellem lill-Foreman u ma gara xejn u ghalhekk iddecieda li jara lid-Deputy Manager is-Sur Lino Cuomo. Billi kien sar il-hin ghax l-ahqu is-saghtejn ta wara nofs in-nhar mar il-Canteen jiekol u qaghad jistenna risposta u kien wara dan li d-Deputy Manager qallu li sa kemm jigi il-Manager ghax kien msiefer biex jghodd ruhu sospiz bil-paga u ghalekk wara rikeb il-van tal-kumpanija u telaq ma'shabu.

12. Ruben Bonnici - prodott mill-appellant qal li hu jahdem bhala 'painter' mall-Kumpanija u meta l-appellant talab l-ghajnuna hu kien prezenti u ta bejn wieced u l-iehor il-versjoni ta' x'gara fid-diskursata mal-Foreman li qal l-appellant. Offrilu biex jghinu izda dan m'accettax ghax il-Foreman cahadlu l-ghajnuna. Qal ukoll li l-appellant lil-Foreman kelmu hazin izda ma kienx jaf preciz x'qallhu. L-appellant iltaqa mal-Foreman u talbu biex

jaghmel xoghol iehor ghax hemmhekk ma setghax jahdem wahdu izda dan qallu "Jien hemm isfel irrid nisboh, jien hemm nahdem wahdi", u kien hemm li l-appellant ghajjar lil-Foreman pruzuntuz u buffu. Fuq mistoqsija mir-rapprezentant tal-Kumpanija "Qatt iltqajt ma'xi diffikolta minn dak in-nhar l'hawn u jekk iltaqajt tlabt assistenza?" ix-xhud wiegeb "Tlabt u tahieli."

13. Leonard Mifsud - prodott mill-appellant qal li hu kien jahdem bhala 'Senior Porter' u dik in-nhar ta' l-incident id-Deputy Manager, is-Sur Lino Cuomo kien qallu "Ejja ghin naqra lil Salvu" (l-appellant) u dan qallu "dan mhux xoghol tieghek, tghinu xejn".

14. Mario Scicluna - prodott mill-appellant, qal li hu jahdem mal-Kumpanija bhala 'Accounts Clerk', u dik in-nhar ta' l-incident l-appellant mar ghandu ghax is-Shop Steward ma kienx hemm u qallu il-kaz kif kien u qallu l-ghala ma setghax jahdem wahdu ghax kien hemm in-nies tahtu, it-telephone operator li kien immankat u ma jarax u ghalhekk beza jahdem wahdu f'dawk ic-cirkostanzi li ma jmurx joqtlu u li s-sellum li kellu ma kienx tajjeb, u qallu l-incident tal-tavlun li kien xi 13 il-pied tul, li is-Sur Cuomo offrilu l-ghajnuna u dan ma accettahix ghax il-Foreman ma kienx ried jaghtijielhu. Dan ikkonfermah meta ix-xhud mar ikellem lis-Sur Cuomo li baghtu biex imur jirranga mal-Foreman u dana mar izda l-Foreman qallu "Din ta'l-ghajnuna naqtuha. Ma jistax ikun jibqghu jahdmu tnejn flimkien. Fil-fatt qed naghmlu scaffolding biex ikunu jistghu jahdmu wahidhom" u danipprova jfihem lil-Foreman li sakemm isir l-iscaffolding iridu jkunu tnejn izda l-Foreman ma ridx. Qallu wkoll li l-appellant ipprova jahdem wahdu izda l-Foreman ma riedx jaf. Mar rega ghand is-Sur Cuomo u qallu li ma rrangax u is-Sur Cuomo qal 'issa nipprova nkelmu jien', u ix-xhud talbu biex wara iccempillu. Billi ghadda l-hin u is-Sur Cuomo ma cempillux wara nofs in-nhar ix-xhud cempillu hu u dan infurmah lima rrangax mal-Foreman u meta staqsieh x'ser jaghmlu is-Sur Cuomo qallu "Dak libes u telaq" izda ix-xhud wiegbu li dak kien ghadu hemm u qallu wkoll "Fi x'hin trid ghatieh ix-xoghol u jmur jahdem, pero wahdu ma jistax jahdem" u meta is-Sur Cuomo qallu "Ma nistax hekk", ix-xhud rega qallu "Salvu ghadu hawn qed jistenna x-xoghol", u fuq invit tad-Deputy Manager,

ix-xhud u l-appellant nizlu ghand id-Deputy Manager is-Sur Cuomo u peress li l-Manager kien imsiefer ftehmu li l-bicca tibqa hekk, l-appellant jibqa sospis "bil-paga li kellu".

15. Is-Sur Lino Cuomo - ghal Kumpanija qal li fil-21 ta' Lulju, l-appellant kien qed ibajjad ir-Reception Office, sab xi diffikulta kif ser ikompli dan ix-xoghol, talab ghajnuna u l-Foreman daherlu li dak kien xoghol ta' wiehed u nizel jurich kif jarma. L-appellant mar igib it-tavlun u dan habghatlu mal-'air conditioner' u l-appellant zbilanċja u waqa fl-art, qal lil Leonard Mifsud jghinu u l-appellant ma riedux u beda igerger. Wara ried ikun jaf x'gara u mar staqsa lil-Foreman u dan qallu "dak telaq, zarma minn fuq ix-xoghol, biddel u telaq" u "ma riedx ikompli wara t-tghajjira li ghajjarni". "Ghajjarni buffu, pruzuntuz, taf hafna, ma tahmilx il-haddiem" wara rega staqsa lil Wistin Doublet jekk l-appellant kienx telaq u dan wiegbu 'iva' u anki dan (Wistin Doublet) qallu li sema lill-appellant jghidlu "buffu, purcinell, jiena nghallmek". Wara ix-xhud kellu cempila minnghand Mario Scicluna li qallu "hemm x'ser naghmlu? Ghaliex Salvu qieghed hawn u jixtieq ikellmek", u qallhom biex jinzlu it-tnejn. Sema lill-appellant li ried jerga jara l-Foreman u qallhom biex jistennew u malli jkollu risposta javzah. Imhabba "pressure of work" ix-xhud ma cempillux izda cempillu Mario Scicluna u staqsieh kienx hemm xi zvilupp izda ix-xhud qallu biex jibqa jistenna, "staqsieni Mr Azzopardi x'kien ser jaghmel u li jekk irid jitlaq jista' jitlaq u mbaghad iciempelli s-Sibt peress li dakinhar kien il-Gimgha. Jiena mbaghad sirt naf li telaq mal-van tal-14.15 p.m. '- .15p.m. bhas-soltu pero qabel telaq Mario Scicluna rega staqsieni jekk kienx hemm xi zviluppi fuq il-kaz. Jiena rrispondejtu li ma kienx hemm zviluppi pero ghidtlu nibqa kif konna li malli jkolli risposta nghatiehilu. It-tnejn ta' wara mbaghad jiena ergajt tkellimt ma Mr Mintoff (il-Foreman) u dan qalli "l-anqas apologija ma nista' naccetta minnghandu ghaliex ma jistax ikun ...... wara dak it-tghajjir jidhirlek li ghandi naccetta apologija minnghandu?" Fuq mistoqsija minnghand l-appellant ix-xhud wiegeb li hejjliet l-incident l-appellant hadem wahdu il-gurnata kollha u sa l-ghaxra ta' fil-ghodu tal-ghada meta inqala l-incident.

16. George Mintoff - Il-Foreman - qal li bejn tnejn ma jsirx xoghol hafna u izjed ikun hemm xoghol meta jahdmu wahidhom u wara li l-appellant ghajru hu -rreagixxa, gibed wahda u qallu "jekk inti xbajt ghaliex ma titlaqx, jien kull fejn kont, meta xbajt tlaqt, mhux jien nigi naghmel dak li tghidli inti. Int taghmel dak li nghidlek jien u daqshekk,"u li kompla jbiddel u telaq. Qal ukoll li qatt ma ta "warning" lill-appellant izda ghal xi affarijiet kellu ghalfejn jikkoregieh. Fuq mistoqsija mit-Tribunal jekk l-appellant kienx wiehed mill-aghar li kellu x-xhud wiegeb "ma nistax nghid li kien l-aghar. Dam hames snin jahdem mieghi".

17. Sottomissjonijiet Finali - l-appellant ma kellux xi jzid ma dak li nstema mix-xhieda u sostna li hu ma telaqx, kellu bicca xoghol li kien jahdem fuqha gurnata u nofs u li kien talab l-ghajnuna meta kien hemm bzonna biss.

Is-Sur Lino Cuomo ghal kumpanija qal li l-appellant telaq min jeddhu li anki jekk f'kaz li fuq dan seta kien hemm xi dubbju, it-tkeccija kienet gustifikata, imhabba l-imgieba ta' l-appellant mas-superjur tieghu.

18. Konsiderazzjonijiet Tat-Tribunal - Il-Kumpanija sostniet li l-appellant telaq l-impieg min jeddu u li anki kieku ma kienx hekk it-tkeccija ta' l-appellant kienet ghal raguni tajba u sufficjenti. Mix-xhieda irrizulta abbundantement li l-appellant ma telaqx min jeddu, anzi qaghad jistenna sa l-ahhar hin tax-xoghol tieghu u mar mal-van ta' 4.15p.m. It-Tribunal ma sab ebda bazi li seta jsostni l-argument li l-appellant voluntarjament telaq mill-impieg tieghu. It-Tribunal ghalhekk kellu jara biss jekk l-appellant tkecciex ghal raguni tajba u sufficjenti.

Mix-xhieda hareg car hafna li x-xoghol li gie moghti lil-appellant kien li jizbogh ir-'Reception area'. L-appellant beda dan ix-xoghol il-Hamis, 20 ta' Lulju 1978, hadem il-gurnata kollha u rega beda fuq l-istess xoghol l-ghada il-Gimgha, 21 ta' Lulju, 1978, u dam sa l-10.00a.m., meta l-appellant sab ruhu f'diffikultajiet li jahdem wahdu u talab l-ghajnuna. Kemm fil-gurnata ta' qabel u kemm sa

/.......

l-10.00 ta' l-għada fil-għodu ma hassx li c-cirkostanzi tal-lokal kienu hekk li kellu ta bilfors tinħtieġlu għajnuna. Dan juri car li mhux dejjem u ta bilfors hu ried li jaħdem ma'xi ħadd iehor min shabu u l-ordni tal-Foreman li jaħdem waħdu irrispettaha sakemm, fl-opinjoni tieghu, ra li mhabba cirkostanzi li gew spjegati kienu jitolbu li ma jaħdimx waħdu. Huwa minnu li l-Foreman nizel jurieh kif jarma ħalli jkun possibbli li jaħdem waħdu u anki wara dan l-appellant mar igib it-tavlun ħalli jarma kif qallu il-Foreman u jipprova li jobdi. Kien wara li mhabba id-djuq tal-lokal u cirkostanzi oħra li gara l-accident tal-ħabta tat-tavlun u l-waqa ta' l-appellant, li gara l-incident bejn l-appellant u l-Foreman. L-appellant tilef rasu u l-Foreman jidher li webbisha. L-appellant baqa' sa l-aħħar jitlob xogħol iehor li seta' jagħmlu waħdu izda l-imgieba tieghu mas-superjur tieghu ma kienet tajba xejn.

It-Tribunal kellu għalhekk jara jekk dan l-incident kienx gravi bizzejjed biex jiggustifika il-piena estrema tat-tkeccija, li wiehed jaqla il-mezz ta' l-għajxien lil-ħaddiem għal ftit jew għal ħafna zmien. Bħal ma gie osservat min dan it-Tribunal fid-Deċizjoni Nru 2/1977 "min jaf kemm nies jitlalhom waqt ix-xogħol kull jum, u kemm minnhom jgħajjtu u anki jitkelmu ħazin", it-Tribunal iħoss li l-incident ma kienx ta' natura hekk gravi li jiggustifika kastig estrem tat-tkeccija.

19. AWARD

Għal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddeciedi:

(i) illi Saviour Azzopardi jigi meqjus bħala sospiz mill-impieg mit -22 ta' Lulju, 1978 sal-10 ta' Dicembru, 1978;

(ii) illi għal dan l-istess perjodu hawn fuq imsemmi Saviour Azzopardi jigi mħallas biss nofs il-paga normali tieghu bħala kastig dixxiplinarju sufficjenti għall-imgieba tieghu ħazina mal Foreman;

(iii) illi mill-11 ta' Dicembru, 1978, l-istess Saviour Azzopardi ikompli l-impieg tieghu li kellu qabel mal-Mellieha Bay Hotel.

(G.A. Craig)
Chairman

(S. Grech)
Segretarju

fp